MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 435/2008

Kawza fil-lista: 58

**A B**
**vs**
**B sive B B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewwgu bir-rit religjuz fl-20 Awissu 1981, u bir-rit civili fis-17 Gunju 1982; li l-konvenut "irrenda ruhu responsabbli, fil-konfront tal-attrici, inter alia, ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi" u ghalhekk il-hajja flimkien m' ghadhiex aktar possibbli ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni

sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija unika tal-konvenut; [2] tiffissa retta aliminarji ghall-attrici; [3] [4] tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha bejn il-partijiet; [5] tawtorizza lill-attrici tibqa' tghix fid-dar konjugali ad eskluzjoni tal-konvenut; [6] tordna li l-konvenut jirritorna lill-attrici l-beni dotali u parafernali taghha; [7] tordna li l-attrici tinghata l-piena amministrazzjoni tal-proprjeta' taghha; [8] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48[1] Kapitlu 16; [9] tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe' 'Pelham'; [10] tordna r-registrazzjoni fir-Registru Pubbliku tal-eventwali sentenza; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa: li, filwaqt li jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici, jichad dak imputat lilu mill-istess attrici; li l-attrici ghandha residenza alternattiva; li l-attrici tahdem u kapaci tmantni lilha nnifisha; li hu m' ghandux beni dotali jew parafernali tal-attrici; li m'hemmx raguni ghall-applikazzjoni fil-konfront tieghu tal-artikolu 48 fuq citat;

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonanti li biha, wara li ppremetta li l-hajja konjugali mal-attrici m'ghadhiex aktar possibbli minhabba, *inter alia*, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi maghmula mill-attrici fil-konfront tieghu, talab is-separazzjoni personali, kif ukoll dak li l-attrici talbet fil-konfront tieghu fir-rikors guramentat;

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab inserita fil-process a fols.117 sa 119, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat id-digriet[1] moghti minn din il-Qorti fis-26 Novembru 2009, u li gie konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'decizjoni[2] moghtija fit-30 Lulju 2010; u li permezz taghha gie konfermat kreditu parafernali favur l-attrici fil-konfront tal-komunjoni ta' l-akkwisti, fl-ammont ta' LM60,000 [illum €139,762.40];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits, u n-noti prezentati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-talba**
Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali, stante li l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli, bi htija attribwita reciprokament. L-attrici tattribwixxi l-htija unikament lill-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kapitlu 16, filwaqt li l-konvenut jattribwixxi l-htija unika tal-attrici fuq id-dispost tal-artikolu 40; qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Kull parti qed tichad dak attribwiet lilha mill-parti l-ohra.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewgu f' Malta bir-rit religjuz fl-20 Awissu 1981, u fl-Ingilterra, bic-civil fis-17 Gunju 1982. Wara konvivenza ta' circa 26 sena l-attrici istitwiet il-proceduri odjerni, u, fil-mori tal-proceduri, l-attrici telqet mid-dar matrimonjali wara incident li sehh fil-21 Awissu 2009. Hija tghid li "kellha, stante t-theddid u l-agir illegali tal-konvenut, kif ukoll stante l-kundizzjoni medika prekarja taghha, tivvaka temporanjament id-dar matrimonjali sakemm.."[3]

*Verzjoni Attrici*

[1] Vol.1 – fol.211 *et seq.*
[2] Vol.1 – fol.249 *et seq.*
[3] Vol. - 145

In sostanza l-attrici tilmenta li, tul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut ma kienx jahdem b'mod regolari, izda meta' jftettillu kien jaghmel xi 'odd jobs'. Kien ghazzien, u kien ihalli l-oneru tal-familja kollu fuqha li min-naha taghha kienet tistinka u tahdem hafna sabiex ittejjeb il-pozizzjoni finanzjarja tal-familja. Min-naha tieghu l-konvenut kien jghix bil-flus li kienet taqla' hi; huwa kien xhih maghha, u l-flus li kien jaqla' kien izommhom ghalih.

Tghid li zewgha kien egojist u, minnbarra li ma kienx jikkontribwixxi ghall-piz tal-familja, huwa kien insensittiv fil-konfront taghha, liema fatt kien jimmanifesta ruhhu anke fir-relazzjonijiet intimi; basta jinqeda hu.

Fil-bidu taz-zwieg kien hemm okkazzjoni meta l-konvenut kien refa' jdejh fuq l-attrici; kif ukoll, ammetta maghha, li kien wettaq adulterju ma' certu Vanessa, meta l-partijiet kienu jghixu l-Ingilterra. Rizultat ta' dan, hi kienet applikat ghad-divorzju; izda l-attrici, "b'rispett ghat-tifel [taghhom] ergajt accettajt lill-konvenut id-dar."[4] Tghid: "Iltqajna, u hu qalli li ried jerga' jirranga mieghi, u jien accettajtu u b' konsegwenza ta' hekk ahna waqqafna l-proceduri tad-divorjzu."[5] Izda, wara ftit, il-glied bejniethom kien rega' beda, u l-vjolenza morali da parti tieghu kompliet.

Eventwalment meta l-partijiet kienu rritornaw Malta, il-konvenut beda jixrob u jirritorna lura d-dar fis-sakra tard bil-lejl. Kien hemm ukoll episodju ta' vjolenza fizika fuq il-persuna taghha. Min-naha taghha, hi kienet habrieka u kienet lesta li tkompli tipprova biex issalva z-zwieg, izda inutilment, ghax il-komportament abbuziv da parti ta' zewgha fil-konfront taghha, kompla u ghalhekk ipprocediet ghas-separazzjoni; fl-istadju inizjali tal-proceduri odjerni, kien hemm episodju ta' vjolenza fizika fuq il-persuna taghha, bir-rizutlat li eventwalment hi kellha titlaq mid-dar konjugali minhabba l-kundizzjoni ta' sahhitha.

*Verzjoni Konvenut*

---

[4] Vol.1 – fol.30
[5] Vol.1 – fol.30

In sostanza dan jilmenta li l-kawza principali tal-inkwiet matrimonjali kienet l-ghira kbira li martu kellha ghalih. Jghid li l-attrici kienet tmur ghand il-*fortune-tellers*, u kienet tghir hafna ghalih.

Huwa jammetti li, kien ikkommetta adulterju mal-imsemmija Vanessa, izda dina kienet ta' darba, fi kliemu, kienet *one night's stand*, u l-attrici kienet hafritlu, u huma kienu rrikonciljaw, tant li hi kienet irtirat il-proceduri tad-divorzju.

Jichad li hu kien ghazzien u li ma kienx jahdem; u jghid li l-flus li kien jaqla' kien jaghtihom kollha lill-attrici li kienet tiehu hsieb kollox. Di fatti huwa kien taha prokura generali sabiex tkun tista' tagixxi ghan-nom tieghu fin-negozji li kienet taghmel. Jispjega li hu kien ikun izjed id-dar mill-attrici, peress li kien jahdem hinijiet flessibbli, u inoltre l-attrici setghet tahdem sieghat twal, peress li hu kien jiehu hsieb it-tfal.

Jghid li huwa kien ibiddel ix-xoghol tieghu biex itejjeb il-paga li kien idahhal u mhux ghax ma setghax izomm impieg ghal certu tul ta' zmien.

Jichad li hu kien jghix minn fuq dahar l-attrici, u li kien hemm zmien meta l-attrici kienet bi flusha hallset id-dejn li hu kien ghamel fil-kumpanija li kien waqqaf bl-ghajnuna taghha. Jispjega li, il-pagamenti kienet taghmilhom l-attrici, peress li hi kellha prokura generali tieghu. Jghid li bis-sahha ta' din il-prokura, hija kienet taghmel transazzjonijiet *ad insaputa* tieghu. Inoltre, kienet izzomm ghaliha l-kirijiet li kienet tircevi mill-postijiet li kient tixtri u tikri.

Rigward il-vjolenza allegata mill-attrici, il-konvenut jichad li hu kien aggressiv fil-konfront taghha; u jaghti l-verzjoni tieghu tal-incident li sehh fl-imsemmija data meta, skont hu martu kienet hedditu bl-imqass. Wara dan l-incident, l-attrici telqet mid-dar matrimonjali; u hu kien biddel is-serratura tad-dar peress li beza' ghall-inkolumita' tieghu, u li martu kienet ser twettaq it-theddid taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatt kif moghtija mill-attrici, anke peress li din hija sostnuta f’ certu aspetti minn xhieda ohra.

Jirrizulta sodisfacentement provat li l-attrici hija mara habrieka u tistinka ghall-avvanz finanzjaru taghha u tal-familja taghha, inkluzi uliedha. Hija mara tan-negozju, li kienet ghamlet zmien twil tiggestixxi hanut [bar] b’ introjtu tajjeb; filwaqt li meta kienet tghix l-Ingilterra kienet tahdem barra mid-dar sieghat twal. Minn naha tieghu l-konvenut kien ihalli kollhox f’ idejha, filwaqt li hu kien jahdem fix-xogholijiet li kien isib matul iz-zmien.

Izda, jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut ma kienx jerfa’ l-piz tal-hajja mizzewwga mal-attrici. Huwa kien jistrih izzejjed fuq il-kontribut taghha. Huwa kien egojist maghha, u wkoll kien insensittiv il-konfront taghha; u wera nuqqas ta’ impenn fiz-zwieg. Inoltre, kien jagixixi fil-konfront taghha b’mod abbuziv moralment, b’episodji izolati ta’ vjolenza fizika. Is-sitwazzjoni aggravat meta l-konvenut kien beda jixrob u jidhol id-dar fis-sakra.

Illi dan il-komportament abbuzi da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu l-attrici, kwazi mill-bidu tal-konvivenza matrimonjali, fuq bazi abitwali u ripetuta, irrenda nsapportabbli ghall-attrici l-konvivenza, u ghalhekk jikkwalifika bhala ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16. Minn naha tieghu, il-konvenut ma pprovax dak imputat minnu fil-konfront tal-attrici.

Illi rigward l-adulterju kommess, u ammess, mill-konvenut fl-ewwel snin taz-zwieg, ghalkemm dan jimmanifesta nuqqas ta’ impenn tieghu fiz-zwieg lejn martu, ma jistax jitqies bhala kawza tas-separazzjoni personali f’ dawn il-proceduri, stante li, kif mistqarr mill-istess attrici, dina kienet hafritlu, u eventwalment saret rikonciljazzjoni. Izda, din ir-rikonciljazzjoni, ghalkemm hija xhieda tal-impenn tal-attrici biex issalva dan iz-zwieg, ma kellhiex effetti pozittivi fit-tul fuq il-konvenut, stante li wara li l-partijiet kienu

regghu bdew jikkonvivu, dan kompla bl-atteggjament egojist tieghu fil-konfront ta' martu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament tort tal-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat, u li fil-fehema tal-Qorti ghandu jattira l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront tal-istess konvenut.

**Manteniment**

Illi l-konvenut bhala l-parti unikament hatja tal-firda jinkombi fuqu l-obbligu li jmantni lill-attrici fil-kaz li din tisfa' bla mezzi adegwati ghal ragunijiet mhux fil-kontroll taghha.

Izda fic-cirkostanzi prezenti, din il-Qorti mhux ser tikkwantifika dan il-manteniment, stante li l-attrici ghandha mezzi u ntrojtu adegwat sabiex issostni lilha nnifisha. Ghalhekk *rebus sic stantibus* qed jigi affermat biss id-dritt tal-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut fic-cirkostanza fuq indikata.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-assi komunitarji jikkonsistu fis-segwenti:

*Attiv*

[1] Il-fond Swieqi tal-valur ta' €150,000;
[2] Il-garage Gzira tal-valur ta' €70,000;
[3] L-utile dominju temporanju tal-fond Gzira, tal-valur ta' €21,161.70;
[4] Il-qabar[6] numru 35 sezzjoni KA divizjoni East u kompartiment N fic-cimiterju ta' l-Addolorata, tal-valur ta' €16,000;
[5] L-ghamara fil-fondi tal-valur komplessiv ta' €7,000[7]
[6] Tlett vetturi: Maruti, Bedford u Typhoon.

*Passiv*

Kreditu favur l-attrici fl-ammont ta' €139,762[8];

[6] Vide rapport perit Joseph Ellul Vincenti Vol.2 – fol.279
[7] Minhabba li hemm kuntrast bejn l-istimi tal-partjiiet, il-Qorti qasmet id-differenza u wasslet ghall-imsemmija figrua arbitrio boni viri.
[8] Vide Sentenza Onor.Qorti Appell – 26 Lulju 2010

Illi rigward il-fond Gzira jinghad li, dan kien gie akkwistat permezz ta' kuntratt pubblikat fit-3 ta' Gunju 2000[9] ghal perijodu ta' ghoxrin sena [u ghalhekk fadal disa' snin circa]. Rigward dan il-fond l-attrici thallas cens annwali ta' €768.70 filwaqt li tippercepixxi l-kera ta' €260 fix-xahar. Ghalhekk, ghar-rimanenenti disa' snin, ser jithallas cens ta' €6,918.3, filwaqt li ser tigi percepita kera ta' €28,080[10]. Ic-cens u l-ispejjez relattivi ghal dan il-fond jithallsu mill-attrici, li minn naha taghha tircevi l-kera fl-intier taghha.

Illi in kwantu ghal spejjez li saru, u benefikati li saru fuq l-imsemmija fondi, il-Qorti tosserva li dawn saru mill-komunjoni ta' l-akkwisti a favur tal-istess komunjoni, u ghalhekk il-pretensjoni tal-partijiet fir-rigward huma nsostenibbli, stante li ma jirrizultax li dawn saru mill-fondi parafernali taghhom; salv dejjem il-kreditu parafernali favur l-attrici stabbilit b' decizjoni ta' din il-Qorti, konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

L-istess konsiderazzjoni tapplika ghall-kirjiet li l-attrici kienet tippercepixxi mill-fond Gzira. Huwa minnu li dawn il-kirjiet tippercepihom l-attrici, pero' din minn naha taghha kienet thallas l-ispejjez kollha relattivi; u dan kollu minn tal-komunjoni ghall-komunjoni. Izda, jigi rilevat li fuq mandat espress moghti mill-konvenut lill-attrici kienet l-attrici li tiehu hsieb il-finanzi tal-familja, u mill-provi jirrizulta li hi kienet il-parti habbrieka f' dan iz-zwieg, filwaqt li hu kien ihalli kollox f' idejha. Ghalhekk il-pretensjoni tal-konvenut fir-rigward tal-kirjiet ma' treggix, stante li ma ngabux provi li dawn il-flus percepieti matul iz-zwieg ma ntefqux ghal gid tal-komunjoni; anzi l-probabilita' hija li dawn fil-fatt intefqu ghal dan l-iskop.

Illi rigward l-oggetti mobbli tal-komunjoni li l-konvenut isostni li l-attrici kienet harget mid-dar matrimonjali u li jinsabu fil-pussess taghha, ma ngabux provi sodisfacenti fir-rigward.

*Assenjazzjoni*

[9] Vol.1 – fol.72
[10] €260 x 12 x 9

Illi din il-Qorti, tenut ukoll tal-pjani ta’ divizjoni proposti mill-partijiet, u tenut ukoll li l-proprjeta’ giet akkwistata matul iz-zwieg bil-hidma principali tal-attrici, u tenut kont tax-xewqat taz-zewg partijiet, tikkunsidra gusta u xierqa l-qasma hawn taht indikata, u ghalhekk tordna li l-assenjazzjoni ssir bil-mod segwenti:

[1] Fl-ewwel lok, jigi osservat li l-kreditu parafernali ta’ l-attrici versu l-komunjoni fl-ammont ta’ €139,762.40, jfisser li l-konvenut, minn sehemu tal-komunjoni, ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta’ €69,881.20;

[2] Illi l-konvenut qed jassenja lill-attrici s-sehem tieghu f’ dawn il-fondi: il-fond 20 Triq Gogi, Swieqi [€150,000], il-qabar [€16,000], l-utile dominju temporanju tal-fond 54, Triq San Gorg, il-Gzira [€21,161.70], kif ukoll, sehemu tal-ghamara [€7,000]; ghalhekk l-attrici ghandha taghti lill-konvenut bhala valur ta’ sehemu: €75,000+€8,000+€10,581+€3,500 – b’ kollox <u>€97,081</u>;

[3] Illi l-attrici tassenja lill-konvenut s-sehem taghha fil-garage numru ghaxra [10] Triq Belvedere Gzira [€70,000]; u ghalhekk il-konvenut ghandu jghati lill-attrici bhala sehemha minn dan il-fond is-somma ta’ <u>€35,000</u>;

Illi ghalhekk filwaqt li l-konvenut ghandu jiehu minghand l-attrici s-somma ta’ €97,081; l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ €35,000 + €69,881 [sehemha mill-kreditu parafernali taghha kontra l-komunjoni] – b’ kollox <u>€104,881</u>.

Ghalhekk il-konvenut qed jigi ordnat li jhallas lill-attrici s-somma ta’ €7,800 [€104,881- €97,081]

[4] Il-vetturi ghandhom jigu assenjati, in kwantu ghal Maruti lill-attrici, filwaqt li z-zewg vetturi l-ohra jigu assenjati lill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar <u>l-azzjoni</u> billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, unikament tort tal-konvenut;

[2] tilqa’ t-tieni talba limitatament billi tafferma d-dritt tal-attrici li tezigi manteniment minghand il-konvenut fil-kaz li din tisfa’ bla mezzi adegwati ghal ragunijiet li mhumiex fil-kontroll taghha;

[3] tilqa’ it-tielet u r-raba talba; u filwaqt li xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

[4] tilqa’ il-hames talba; u tordna li l-konvenut jivvaka l-fond 20 Triq Gogi, Swieqi fi zmien xahar;

[5] tichad is-sitt talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;

[6] tilqa’ is-seba’ talba;

[7] tilqa’ it-tmien talba u tapplika fl-intier tieghu l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront tal-konvenut;

[8] tilqa’ id-disa’ talba, u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe’ Pelham;

[9] tilqa’ l-ghaxar talba;

Tiddecidi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament, u fis-sens fuq gja’ deciz;
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens gja fuq deciz;
[4] tichad ir-raba talba;
[5] tichad il-hames talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[6] tichad is-sitt talba;
[7] tilqa’ is-seba talba;
[8] tilqa’ it-tmien talba;

L-ispejjez kemm ta’ l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------